**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 27 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 54/2016 CSH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1347/2008**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**Warren Cremona u Wendy Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Wendy Cremona pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Marzu 2016, li permezz tieghu ppremettiet:

*"Illi permezz ta' ittra ufficcjali li ggib id-data 2 ta' Frar 2006 a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati HSBC Bank plc ottjenew titolu ezekuttiv u dan wara li l-ittra baqghet bla twegiba (Dok CW01).*

*Illi sussegwentement, precizament fit-12 ta' Mejju 2008, gie akkordat favur l-intimati HSBC Bank Malta plc Mandat ta' Sekwestru (ezekuttiv) ghall-*

*valur ta' sitt elef, disa' mija u tnejn u hamsin ewro u wiehed u tmenin centesmu (€6,952.81) bl-imghax u spejjez rizervati (Dok CW02).*

*Illi sal-gurnata ta' llum ghaddew iktar minn hames snin minn meta l-ittra ufficcjali giet reza ezekuttiva u ghaddew iktar minn hames snin minn meta l-mandat ta' sekwestru gie notifikat lill-esponenti.*

*Illi ma jirrizultax li l-ittra ufficcjali u l-mandat ta' sekwestru gew prorogati sabiex jibqghu fis-sehh u jkollhom effett ezekuttiv skond il-ligi.*

*Illi di piu', minn dokumentazzjoni ta' l-istess intimati HSBC Bank Malta plc, jirrizulta li l-intimati ghamlu 'write off' ta' l-ammont mertu ta' l-ittra ufficcjali u tas-sekwestru u ghaldaqstant ma jistghux, illum, jipprorogaw dawn l-atti, kemm ghaliex ghadda iz-zmien, kif ukoll ghaliex ma jistghux jikkonfermaw bil-gurament li l-ammont ghadu dovut skond il-ligi. (Dok CW03).*

*Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi l-intimati ma jistghux jipprorogaw it-titolu esekuttiv taghhom fit-terminu stabbilit lilhom skond l-atikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk kemm l-ittra ufficcjali kif ukoll il-mandat ezekuttiv surriferiti huma bla effett.*"

Ghalhekk talbet li ghal dawn l-istess ragunijiet din il-Qorti tawtorizza r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 1347/2008, u dan a spejjez ta' l-intimati HSBC Bank Malta plc.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2016 fejn din il-Qorti ordnat notifika lill-kontro-parti li ghandu jipprezenta r-risposta tieghu fi zmien erbat ijiem min-notifika lilu u appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar is-6 ta' April 2016.

Rat illi nhar it-28 ta' Marzu 2016 l-bank intimat ipprezenta ir-risposta tieghu ( fol. 6) fejn eccepixxa:

"*Illi huwa gie notifikat bir-rikors tas-sekwestrata Wendy Cremona tad-9 ta' Marzu 2016 b'erbat zmien ijiem ghar-risposta.*

*Illi s-sekwestrata Wendy Cremona qieghda titlob sabiex din l-Qorti tordna ir-revoka tal-mandat surreferit, liema mandat ezekuttiv inhareg kontra l-konjugi Cremona f'Mejju tal-2008 abbazi tat-titolu ezekuttiv senjatament ittra ufficcjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 debitament reza ezegwibbli.*

*Illi r-rikorrenti qieghda tippromwovi t-talba taghha billi ssostni illi la darba ghaddew hames snin minn meta l-ittra imsemmija giet notifikata lis-sekwestrati, b'konsegwenza illi t-titolu esekuttiv relattiv m'ghandux effett ezekuttiv skond il-ligi.*

*Illi, sopra di piu', s-sekwestrata qieghda tissottometti illi d-debitu dovut minghand il-konjugi Cremona gie 'written off'.*

*Illi skont ir-rikorrenti dan ta' l-ahhar jirrizulta minn kopja ta' statement li takkompanja ir-rikors taghha u li turi l-bilanc dovut bhala zero.*

*Illi l-esponenti jirrileva illi dan l-istatement mahrug elettronikament bl-ebda mod ma jista' jigi interpetat bhala 'mahfra' tad-dejn dovut, anke jekk il-bank ghazel li jikklasifika l-kont tal-konjugi Cremona bhala written off ghal skopijiet ta' auditing intern, dan bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma jista jissarraf f'beneficcju ghall-istess debituri sabiex isostnu illi d- djun taghhom kif jirrizulta mill-ittra ufficcjali m'ghadhomx dovuti u dan abbazi*

*biss ta' ezercizzju intern li l-bank jaghmel minn zmien ghal zmien u li zgur m'ghandu l-ebda import legali vis-a-vis is-sekwestrati.*

*Illi sabiex wiehed mill-konjugi Cremona jkun jista javvanza b'success l-argument illi dan id-debitu m'ghadux dovut, huwa jrid juri li l-ammont gie saldat fl-intier jew li l-bank espressament ghamel dikjarazzjoni favur id-debituri tieghu illi dan il-kreditu m'ghadux dovut u li l-bank sejjer jillibera lid-debitur mill-obbligu tal-hlas.*

*Illi statement kif mahrug mis-sistema elettronika u li seta' jirrifletti l-posizzjoni interna li l-bank ha fil-konfront tad-debituri Cremona m'ghandu joffri l-ebda protezzjoni legali mhux meritat lis-sekwestrati debituri.*

*Illi, ghaldaqstant, l-argument li t-titolu ezekuttiv ma jistax jigi prorogat minhabba ezercizzju intern bankarju li gie trasmess lid-debituri permezz ta' statement bankarju li jixhed decizjoni interna tal-bank in segwitu ghal procedura ta' accounting ma jsib l-ebda bazi fil-ligi u l-bank jibqa' jirrizerva d-dritt tieghu illi jagixxi fil-konfront tal-konjugi Cremona ghal bilanc tal-kreditu dovut lilu, liema kreditu ghadu dovut sal-lum il-gurnata.*

*Illi r-rikorrenti jikkwota l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi r-rikorrenti jesponi illi ladarba ghaddew iktar minn hames snin mid-data ta' meta t-titolu ezekuttiv gie rez esegwibbli dan ifisser illi 'kemm l-ittra ufficcjali kif ukoll il-mandat ezekuttiv surreferiti huma bla effett'.*

*Illi r-rikorrenti ghadu jrid jispjega kif titolu ezekuttiv jitlef l-effett tieghu; dan ghaliex l-istess titlu ezekuttiv m'huwiex preskritt bil-ligi u att ezekuttiv, skond il-ligi, m'huwiex prorogabbli.*

*Illi l-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jezigi minflok illi wara hames snin mid-data ta' meta t-titlu jkun sar wiehed esekuttiv, il-kreditur, li jixtieq jezegwixxi kontra d-debitur/i tieghu, ghandu l-ewwel jitlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti qabel ma johrog il-mandati opportuni.*

*Illi huwa evidenti f'dana l-kaz illi l-mandat ta' sekwestru nhareg sew qabel ma nghalqu l-hames snin rikjesti mil-ligi u ghaldqstant, galadarba att ezekuttiv m'huwiex prorogabbli skont il-ligi, dan jibqa' ferm fil-konfront tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, filwaqt illi l-esponeti ghalhekk huwa tal-umli fehma illi r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez, huwa daqstant ghandu x'jissottometti.*"

Illi fil-kaz in ezami l-partijiet strahu fuq il-fatti minnhom dikjarati bil-gurament fl-atti gudizzjarji minnhom ipprezentati u d-dokumenti annessi u ma ressqu ebda prova ulterjuri.

Illi t-talba tar-rikorrenti tikkoncerna talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv u mhux dak Kawtelatorju.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din l-azzzjoni kienu s-segwenti:-

1. Illi nhar it-2 ta' Frar 2006 (Dok CW01 a fol 2) il-Bank intimat kien ipprezenta ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A kontra r-rikorrenti Wendy Cremona u zewgha Warren fejn talab lil din il-Qorti tikkundannhom ihallsuha s-somma hemm indikata ta' Lm 2,984.84.

2. Illi din l-istess ittra ufficcjali giet notifikata lir-rikorrenti W. Cremona nhar il-11 ta' Frar 2006 u kellha ID No. 414977M mibghuta fuq l-indirizz Flat 3, Kingston Court, Achille Ferris Street, Msida.
3. Illi minn ricerka li saret gewwa ir-Registru ta' din il-Qorti ma jidhirx li giet ipprezentata xi risposta ghal tali talba u ghalhekk permezz ta' dan l-att, il-Bank akkwista titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikou 166A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Wendy Cremona.
4. Illi nhar id-9 ta' Mejju 2008 il-Bank intimat kien ipprezenta Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1347/08 (Dok CW02 a fol. 3) kontra ir-rikorrenti u zewgha Warren Cremona ghas-somma ta' €6,952.81 a bazi ta' l-ittra ufficcjali fuq imsemmija li gie notifikat lil Wendy Cremona.
5. Illi sussegwentement nhar id-9 ta' Marzu 2016 ir-rikorrenti odjerna ipprezentat ir-rikors odjern fejn qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1347/08 mahrug fl-ismijiet premessi.
6. Nhar it-28 ta' Marzu 2016 il-Bank intimat ipprezenta r-risposta tieghu fejn qed joggezzjona ghal tali talba.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

M'hemmx dubbju li l-ittra ufficcjali datata 2 ta' Frar 2006 illum tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u dan ghaliex ir-rikorrenti odjerna ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba tal-Bank kif mitluba f'din l-istess ittra ufficcjali fuq imsemmija kif jipprovdi l-Artikolu 166A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

166A. (4) "*Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux*

*opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a)".*

Issa meta kreditur bis-saħħa ta' sentenza jew titolu esekuttiv ieħor, sabiex jitħallas tal-kreditu tiegħu, ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, jista' jagħmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru.[1]

Jinghad ukoll li l-mandat ta' sekwestru m'huwiex prorogabbli u jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi mħassar b'digriet tal-Qorti.[2]

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra issemmi whud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Ezekuttivi.

Fil-meritu, Mandat Ezekuttiv bhal dan odjern, jista' jigi impunjat ai termini tal-Artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12, li jaqra testwalment hekk:

"*Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li latt ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.*"

Illi skond l-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, b'mod specjali ghas-sentenza fl-ismijiet **'<u>Edward Pace vs Michael Sultana et</u>'** deciza fil-5 ta' Mejju 2005 per Onor. Imhallef Dr. J.R. Micallef jinghad:

---

[1] Artikolu 375 tal-Kapitolu 12
[2] Artikolu 383 tal-Kapitolu 12

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispożizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi xelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti eżekutata tbaghti pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-meritu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra";*

Mandat illi huwa att ezekuttiv jinhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv huwa vigenti u li mad-daqqa t'ghajn jidher li l-mandat ihares dak kollu li tipprovdi il-ligi ghas-siwi tieghu u cioe' ir-rekwiziti indikati mill-Artikolu 274 tal-Kapitolu 12 u dan jinkludi li jinhareg mill-ligi kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Fil-kaz in ezami jidher bic-car li t-titolu ezekuttiv odjern hareg bis-sahha tal-ittra ufficcjali Dok CW01 a fol 2 tal-atti kif ukoll tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kif huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex jaghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, naturalment ghar-raguni valida fil-ligi.

Kif gie ribadit fis-sentenza fuq imsemmija "**Edward Pace v Michael Sultana**"[3]:

[3] (PA JRM – Rik 287/05 - deciza fil-5 ta' Mejju 2005)

"*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.*[4] *Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju*".

Abbazi ta' dan jirrizulta manifest li l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu[5] u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati;

Illi l-Bank intimat setgha imexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu entro l-perjodu ta' tlett snin minn meta ottjena t-titolu ezekuttiv u dan ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 li jipprovdi is-segwenti:

"*Wara*

*(ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti.*

*Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut*" .

---

[4] Qorti Civili Prim'Awla (AJM), 14.11.1994, fil-kawza fl-ismijiet 'Josephine Spiteri vs Anthony Perry et (digriet interlokutorju)

[5] Artikolu 274 tal-Kap.12

Issa fil-kaz in desamina, ir-rikorrenti fir-rikors taghha tallega li *'sal-gurnata ta' llum ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-ittra ufficcjali giet reza ezekuttiva u ghaddew iktar minn hames snin minn meta l-mandat ta' sekwestru gie notifikat lilll-esponenti. Illi ma jirrizultax li l-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru gew prorogati sabiex jibqghu fis-sehh u jkollhom effett esekuttiv skond il-ligi"* u konsegwemtenet talbet lil din il-Qorti tordna il-hrug ta' kontro-mandat billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru Nru 1347/08.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mir-rikorrenti u dan ghaliex l-Bank intimat kien agixxa fit-termini moghti lilu fil-ligi u cioe' entro t-tlett snin imsemmija aktar 'l fuq minn meta akkwista it-titolu ezekuttiv tieghu, meta pprezenta il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 1347/08. Minn dakinhar 'il quddiem l-Bank intimat ma kellu ghalfejn jaghmel l-ebda proroga stante li dan huwa Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv. Dan il-Mandat jibqa' fis-sehh sakemm il-kreditu tieghu jigi saldat. Issa huwa minnu li r-rikorrenti pprezentat statement tal-Bank HSBC fejn hemm indikat zero bhala debit pero' dan ma jfissirx li d-debitu taghha skond it-titolu fuq imsemmi gie rikonoxxut minnha u saldat. Ir-rikorrenti tghid li l-Bank ghamel xi *write off* pero' provi dwar dan ma resqitx u dan hu michud mill-Bank intimat li jghid li r-rikorrenti ghadha debitrici tieghu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti sabiex tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1347/2008 kif mitlub minnha.**
**L-ispejjez ta' dan ir-rikors huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**